**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Marzu 2002**

Avviz numru 44/01

Savio John Falzon u Joseph u Marlene konjugi Cremona

-vs-

Joseph Buttigieg

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' elf seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm1,757.06) hsarat u spejjez sofferti mill-atturi, kif jirrizulta mill-annessi ricevuti markati dokumenti A, B, C u D liema danni l-atturi sofrew minhabba incident awtomobilisitku li gara fis-16 ta' Ottubru 2001 fit-Triq Borg Gharib, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex meta l-konvenut waqt li kien isuq tractor bi traskuragni grassa, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku investa l-vettura tat-tip Ford Escort (numru ta' registrazzjoni JAR 753) li hija proprjeta' ta' l-attur, Savio John Falzon u li fil-hin ta' l-incident kienet qeghdha tinsaq minn Joseph Cremona, l-attur l-iehor u kkagunalha hsarat ingenti fiha u dana wara li jigi dikjarat minn dina l-Onorabbli Qorti li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-sbatax ta' Ottubru 2001 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-konvenut naqas li jidher u baqa' ma kkontestax it-talbiet attrici.

Semghet lill-attur bil-gurament.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm1,757.06).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta' l-avviz odjern sad-data tal-hlas efefttiv.

Magistrat